A.L. 56 ta' l-1998

ATT TA' L-1991 DWAR IL-KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA

(ATT NRU. XXIII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1998 dwar il-Kontribuzzjoni għas-Servizz tad-Drenaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 27 u 45 ta' l-Att ta' l-1991 dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, bl-approvazzjoni tal-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar il-Kontribuzzjoni għas-Servizz tad-Drenaġġ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-5 ta' Novembru, 1997, iżda m'għandhomx japplikaw għall-kontijiet maħruġa skond l-ewwel qari ta' l-arloġġi ta' l-ilma meħud wara dik id-data.

Tifsir

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:–

"konsum qawwi" ifisser konsum ta' l-ilma li jeċċedi elf metru kubu (1000m^3) fis-sena.

(2) It-tifsiriet li jinsabu fl-artiklu 2 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, 1991, u fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Fornitura ta' l-Ilma, għandhom japplikaw f'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra. G.N. 133 ta' l-1948

Dritt għas-servizz tad-drenaġġ.

3. Il-Korporazzjoni għandha titlob dritt għas-servizz tad-drenaġġ skond it-tariffi u d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Drenaġġ domestiku.

4. (1) Fir-rigward ta' drenaġġ domestiku, id-dritt ikun relatat mal-konsum ta' l-ilma li jkun ġie reġistrat li sar f'dak il-bini f'dak il-perijodu ta' jiem li għalih id-dritt tad-drenaġġ relattiv jintalab.

(2) Id-dritt imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ikun kif ġej:

lira waħda (Lm1) għal kull mija u wieħed u għoxrin (121) jum jekk il-konsum reġistrat ta' l-ilma f'dak il-bini għal dak il-perijodu ta' mija u wieħed u għoxrin (121) jum ma jkunx aktar minn erba' metri kubi u nofs (4.5m^3) għal kull persuna li tgħix f'dak il-bini;

tlett liri (Lm3) għal kull mija u wieħed u għoxrin (121) jum jekk il-konsum reġistrat ta' l-ilma f'dak il-bini għal dak il-perijodu ta' mija u wieħed u għoxrin (121) jum ikun aktar minn erba' metri kubi w nofs(4.5m^3) imma ma jkunx aktar minn disa' metri kubi (9m^3) għal kull persuna li tgħix f'dak il-bini;

tmin liri (Lm8) għal kull mija u wieħed u għoxrin (121) jum jekk il-konsum reġistrat ta' l-ilma f'dak il-bini għal dak il-perijodu ta' mija u wieħed u għoxrin (121) jum ikun aktar minn disa' metri kubi (9m^3) għal kull persuna li tgħix f'dak il-bini.

(3) Il-kontijiet għandhom isiru għal dak il-perijodu jew għal dawk il-perijodi kif iċ-*Chief Executive* jista' jiddeċiedi jew b'mod ġenerali jew dwar konsumatur wieħed jew aktar jew dwar klassi waħda jew aktar ta' konsumaturi u jkunu impustati fl-indirizz li għalih igħajtu, kemm-il darba ma jkunx sar ftehim sabiex ikunu mibgħutin f'xi indirizz ieħor.

(4) Meta konsumatur ikun jirċievi għajnuna soċjali jew pensjoni ta' l-età jew xi pensjoni skond it-Taqsima III, IV jew V ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-konsumatur għandu jiġi eżentat mill-ħlas tad-dritt għas-servizz tad-drenaġġ:

Iżda:

(a) konsumatur li jkun qed jirċievi għajnuna soċjali ma jikkwalifikax għal dik l-eżenzjoni jekk f'dak il-bini li għalih id-dritt tas-servizz tad-drenaġġ jirreferi tkun residenti wkoll f'xi taqsima tiegħu, tkun li tkun, xi persuna li ma tagħmilx parti mill-familja tal-konsumatur skond l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali; u

(b) konsumatur li qed jirċievi pensjoni ta' l-eta' skond l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali ma jikkwalifikax għal dik l-eżenzjoni jekk f'dak il-bini li għalih id-dritt għas-servizz tad-drenaġġ jirreferi tkun residenti wkoll xi persuna li ma tkunx persuna li jew:–

(i) tkun qed tirċievi pensjoni bħal dik, jew

(ii) tkun tagħmel parti mill-familja li l-kap tagħha jkun qiegħed jirċievi l-għajnuna soċjali; u

(ċ) konsumatur li jkun qed jirċievi pensjoni skond it-Taqsimiet III, IV jew V ta' l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali ma jikkwalifikax għal dik l-eżenzjoni jekk il-mezzi annwali tiegħu (barra mill-pensjoni tas-Sigurta' Soċjali) ikunu iżjed mill-mezzi annwali li bihom kien ikollu l-jedd, tkun xi tkun l-eta' tiegħu, għal pensjoni ta' l-eta' taħt l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali, jew jekk f'dak il-bini fejn isir il-konsum ikun hemm residenti wkoll f'xi taqsima tiegħu, tkun li tkun, xi persuna li ma tkunx persuna li jew:–

(i) tkun persuna li tkun qed tirċievi xi pensjoni taħt l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali u li l-mezzi annwali tagħha (barra mill-pensjoni tas-Sigurta' Soċjali) ikunu anqas mill-mezzi annwali li bihom dik il-persuna, tkun xi tkun l-eta' tagħha, kien ikollha l-jedd għal pensjoni ta' l-eta' skond l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali, jew

(ii) persuna li tagħmel parti mill-familja li l-kap tagħha jkun qiegħed jirċievi l-għajnuna soċjali:

Iżda wkoll ma tingħata ebda eżenzjoni bħal dik jekk id-Direttur (Sigurta' Soċjali) ma jiċċertifikax li l-konsumatur ikun intitolat għal dik l-eżenzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu:

Iżda wkoll il-Ministru responsabbli għas-sigurta' soċjali jista' jagħti dik l-eżenzjoni għal dawk l-istituzzjonijiet filantropiċi li dak il-Ministru jiddeċiedi li jistħoqqilhom għajnuna finanzjarja.

5. Fir-rigward ta' drenaġġ li ma jkunx drenaġġ domestiku, id-dritt annwali li għandu jitħallas lill-Korporazzjoni jkun kif ġej: Drenaġġ mhux domestiku.

Bars, ristoranti u *night clubs*	Lm150
Industriji: konsum qawwi	Lm480
Industriji: oħrajn	Lm150
Rziezet	Lm150
Lukandi: għal kull sodda	Lm3
Holdiay flats	Lm45
Laundries	Lm480
Opri tal-baħar	xejn
Dipartiment tal-Gvern	Lm150
Entijiet kummerċjali oħrajn	Lm45.

Bini mhux kumnikat.

6. Ma jitħallasx dritt ta' drenaġġ fir-rigward ta' bini li m'huwiex fornut bis-servizz ta' ilma u/jew li ma jkunx kumnikat mas-sistema tad-drenaġġ pubbliku.

Kif japplika G.N. 133 ta' l-1948.

7. Ir-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Fornitura ta' l-Ilma għandhom ikunu japplikaw għall-kontijiet u talbiet għall-ħlas tad-dritt ta' drenaġġ bl-istess mod bħal ma japplikaw għall-kontijiet u talbiet għall-ħlas għall-fornitura ta' l-ilma.